MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 988/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Gordon Bartolo (K.I. 314771M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tmien mija, tmienja u disghin ewro u tlettin centezmu (€898.30) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru 40096906 skont diversi kontijiet mibghuta lillu u skont id-dokumenti annessi mat-talba immarkati IZY1 u 2.

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fis-7 ta' Ottubru, 2010 mill- Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------